25 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanni Rodo *versus* Carmelo Galea

## Depożitu — Pagament — Dikjarazzjoni tal-Validità tad-Depożitu — Citazzjoni.

*Id-dikjarazzjoni li d-depożitu sar validament biex iservi minflok pagament ma hix waħda minn dawk id-dikjarazzjonijiet li huwa meħtieġ li jiġu mitluba speċifikatament, kif ma hix meħtieġa talba espressa tal-validità ta' pagament magħmul mill-attur.*

*Għaldaqstant min kellu raħan li kien jikkawtela dejn, u jippretendi li għandu jieħu lura dak ir-raħan għax ħallas id-dejn kollu billi ddepożita l-bilanċ li kellu jagħti, ma għandux bżonn jitlob ukoll dikjarazzjoni tal-validità tad-depożitu li għamel. U ċ-ċitazzjoni tiegħu mingħajr dik it-talba ma hix irrita u inkompleta.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa għandu ġiżirana tad-deheb fil-poter tal-konvenut, li kienet qiegħda tagħmel tajjeb għall-ħlas ta' £19. 12. 3 li hu kellu jagħti lil-konvenut; u illi huwa ħallas dan id-dejn u l-konvenut ma jridx jirrestitwilu dik il-ġiżirana, għaliex jippretendi li baqgħalu jieħu minn għandu; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat li jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attur il-ġiżirana tad-deheb fuq imsemmija, li l-konvenut qiegħed iżomm għandu illegalment, u dana fi żmien qasir li jiġi lilu prefiss mill-Qorti; u fil-każ li jonqos minn din il-konsenja fiż-żmien li hekk jiġi lilu prefiss, jiġi kundannat iħallas il-valur tagħha fl-ammont li jiġi stabbilit mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta:— Illi ċ-ċitazzjoni hija irrita u inkompleta, billi l-attur kellu jitlob dikjarazzjoni relativa għall-validità tad-depożitu; illi fil-meritu..............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżultaw il-fatti segwenti: l-attur kellu dejn lejn il-konvenut............ L-attur ħallas puntwalment ir-rati fuq indikati, u meta kien jonqsu jħallas bilanċ ta' £4. 12. 3 biss, ried iħallsu f'daqqa biex jieħu lura l-ġiżirana;

iżda l-konvenut, f'dik l-okkażjoni, ipprova jottjeni xi ħaġa ta' l-interessi, u għamel din il-kawża;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm l-attur ma kienx obligat iħallas interessi.............. iżda fil-fatt huwa aċċetta.............. u għalhekk għadu ma jistax jitlob lura r-restituzzjoni tar-rahan, jiġifieri ta' l-imsemmija ġiżirana;

Tikkunsidra fl-aħħarnett, fuq l-eċċezzjoni ta' l-konvenut li ċ-ċitazzjoni hija irrita u inkompleta għaliex ma ġietx mitluba d-dikjarazzjoni relativa għall-validità tad-depożitu;

Illi dina d-dikjarazzjoni mhix waħda minn dawk li huwa meħtieġ li jiġu mitlubin speċifikatament. Fil-każ preżenti, iċ-ċitazzjoni tikkontjeni, kif trid il-liġi, l-espożizzjoni ċara u ċerta ta' l-oġġett u tat-talba; u kif ma kienx ikun hemm bżonn li jintalab u jiġi mogħtija dikjarazzjoni tal-pagament fil-każ, mhux ta' depożitu, imma ta' ħlas ordinarju, u kien ikun biżżejjed li l-pagament jiġi pruvat, għall-istess raġuni ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni speċifika li d-depożitu huwa validu meta l-ħlas isir b'dak il-mod, u jkun biżżejjed li jiġi pruvat li d-depożitu sar validament skond il-liġi, biex jiġi ritenut li jiswa daqs il-ħlas;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tiċħad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.